# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 12 ta' Novembru, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**Vs**

**Marvin Scicluna**

**Drogi Nru: 132/2018**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marvin Scicluna detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 510888(M)

Akkuzat talli nhar l-24 ta' April, 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer Maltin

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis j ew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, irrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstemgha minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-kwantita u x-xorta tad-droga li instabet fil-pussess ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a)(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 fuq ammissjoni ssib l-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u fil-waqt li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn,** tikkundannaha **multa ta' sitt mitt Euri (€600).**

In konkluzzjoni qed **tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u oggetti** esebieti mill-iSpettur Christabelle Chetcuti (Dok CC6) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur ta’ din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**